MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1201/2004

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Marcella Mifsud**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm242.04c (mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin u erba' centezmi) rapprezentanti danni soferti mill-Korporazzjoni attrici f'arblu proprjeta' taghha nhar it-18 ta' Novembru, 2001 gewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan flimkien ma' l-imghax dekoribbli mid-data ta' l-Ittra Ufficjali.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tal-24 ta' Settembru 2003, u tal-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Joseph Aquilina jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------